MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-22 ta' Awwissu, 2005

Numru 16/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond J Borg)**

**Vs**

David Bonnici

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-imputat David Bonnici ta' karta ta' identita' numru 83777(M), akkuzat talli:

a) Fit-8 ta' Jannar 2005 ghal habta ta' l-4:00 p.m. fi Triq Campis Zebbug kif ukoll f'lokalitajiet ohra, uza vjolenza sabiex iggieghel lil Walter Bonnici jaghmel, ihalli jsir jew jonqos milli jaghmel xi haga, liema reat, Walter Bonnici kellu jasal ghalih skond l-Art 251 Sub 2 tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali;

b) fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lil hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Walter Bonnici kontra l-volonta' tieghu, jew ta il-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata skond l-Art 86 tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali;

c) fl-istess data, hin u lok, kellu f'idejh jew fuqu sikkina, ta' kull xorta li tkun, b'xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija skond l-Art 13 tal-Kap 66 ta' l-Ordinanza dwar l-Armi;

d) fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq l-persuni ta' PS160, PC532 u PC1557, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezza' jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi l-esekuzzjoni ta' dak is-servizz skond l-Art 95 tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali;

e) hedded lil Walter u Tereza Bonnici bi kliem.

f) Sar recediv b'sentenza li saret defenittiva fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Kriminali nhar 6/10/04 billi l-Magistrat Lorence Quintano LL.D. fejn kien sentenzjat skond l-Art 28 tal-Kodici Kriminali ghal perjodu ta' sentejn.

g) Ghamel reat waqt il-perjodu operattiv tal-probation b'sentenza li saret defenittiva nhar 27/01/03 fejn kien assenjat taht l-osservazzjoniji ta' Miss Marietta Lanzon bhala l-probation officer skond l-Art 22 tal-Kap 446.

Rat l-Artikoli mahruga mill-Avukat Generali ai termini ta' liema irrimetta l-atti tal-kawza lil dina l-Qorti sabiex tiddecidi dwar il-htija jew htijiet tal-imputat fin-nuqqas ta' oggezzjoni mill-imputat.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet lill-imputat fl-udjenza tal-lum jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa' jippersisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Ikkonsidrat:

Ai termini tar-rinviju tal-Avukat Generali l-imputat hu akkuzat: bi vjolenza kontra l-privat, b'arrest, detenzjoni jew sekwestru kontra l-ligi; li garr strument li jaqta' u bil-ponta minghajr il-kunsens tal-Kummissarju tal-Pulizija; ta' ingurji jew theddid kontra ufficjali pubblici; ta' attakk u resistenza b'cirkostanzi aggravanti; bl-offiza kontravenzjonali ta' ingurji u theddid; b'recidiva; li kkommetta r-reati f'perjodu ta' sentenza sospiza; li naqas li jottempera ma' rekwiziti ta' ordni ta' probation.

Ili l-akkuzi jidhru impressjonanti. Il-gravita taghhom pero' hi mitigata minn cirkostanzi konnessi ma' nstabilita' psikika tal-imputat li qieghed jinghata trattament li jidher li qieghed ihalli r-risultat mixtieq. Fil-fatt l-akkuzi jsibu l-origini taghhom f'komportament anomalu tal-imputat mal-genituri tieghu.

Illi mehud kollox in konsiderazzjoni u wkoll fuq l-iskorta ta' sentenza pronunzjata kontra l-imputat minn dina l-Qorti diversament preseduta tramite liema l-imputat ser jkollu l-opportunita' li ffieq mill-marda psikika li biha hu afflitt, dina l-Qorti, wara li hasbet fit-tul, u sabiex ma tipprivax lill-imputat mill-opportunita' li jkollu t-trattament mehtieg ghall-ahjar tieghu u tal-genituri u familjari tieghu, ser timponi ordni ta' probation fuq l-imuptat bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 7 tal-Kap 446.

Tenut kont l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu u wara li rat l-Artikolu 251, 86, 87, 95, 96, 97, 339(i)(e), 49, 50, 28A, 28H, 21, 22, 17 u 31 tal-Kap 9 tpoggih taht l-harsien ta' ufficjal tal-probation li tirrakkomenda li jkun ta' sess maskili skond ix-xewqa tal-imputat ghall-perjodu ta' tlett snin mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------